# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 14

It-Tlieta 23 ta'Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**23 ta' Ġunju 2020**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 14.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**14.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-13

**14.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 13 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**14.3.01** Il-Kunsill ġie mistoqsi mill-Ministeru għal Għawdex jekk l-attività ta' *Traditions* hux se issir f'Settembru. Il-Kunsilliera qablu li din l-attivita għandha ssir kif kien ippjanat fil-5 ta' Settembru jekk il-Kunsill jingħata fondi mill-Ministeru għal Għawdex u jekk is-sitwazzjoni preżenti tal-pandemjia tibqa stabbli.

**14.3.02** Il-Kunsill ġie avviċinat minn żewġ entitajiet privati biex jieħu sehem f'proġett tal-UE 'A Truly Holistic Gozitan Gastronomy' taħt il-programm tal-LEADER. Il-Kunsilliera talbu aktar dettalji dwar dan il-programm iżda ma qablux li l-Kunsill joħroġ fondi minn tiegħu u l-anqas li dan il-programm jiġi involut fl-attivita tal-Kunsill ta' *Traditions*.

**14.3.03** Is-Sindku talab biex il-Kunsill jitlob għall-ħaddiem ieħor tal-iskema u dan irid ikollu s-sengħa biex jibni l-ħitan tas-sejjieħ.

**14.3.04** Il-Kunsilliera approvaw il-ftehim ta' aċċettazzjoni ta' qbil dwar it-triq 'il quddiem dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli. (Ara korrispondenza Cir AKL 2020/063 – Ġbir ta' skart riċiklabbli).

**14.3.05** Il-Kunsill ġie avviċinat mill-kuntrattur tal-Enemalta biex jinstalla numru ta' arbli tad-dawl fi Triq l-Għasri kif ukoll fi Triq il-Qadima. Il-Kunsill ma approvax din it-talba.

**14.3.06** Cir AKL 2020/060 Dokument proġett *Slow Streets* u laqgħat ma' *SLOW STREETS*. Il-Kunsill ma ħax sehem f'dan il-proġett għax ma japplikax għall-lokalita' tagħna.

**14.3.07** Planning Circular (2/20). F'din iċ-Ċirkulari ħemm informazzjoni dwar PA *funding* u *Development Planning Fund*.

**14.3.08** Direttiva 3/2020 – Revoka tad-Direttiva 2/2020.

**14.3.09** Linja gwida dwar il-ftuħ tal-libreriji pubbliċi mingħand is-Supretendent tas-Saħħa pubblika.

**14.3.10** Emejl mingħand *District Operation*s dwar il-ħidma tal-ħaddiema mal-iskema u ritratti. Il-ħaddiema ġew mitluba sabiex jippreżentaw ritratti tax-xogħolijiet tagħhom.

**14.3.11** Emejl mingħand id-*Director for the Environment and Climate Change* dwar tibdil tal-ġurnata għall-ġbir tal-ħġieġ mill-ewwel Ħamis tax-xahar għall-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

**14.3.12** Il-Kunsill irċieva kont mingħand il-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. għax-xogħlijiet fit-Trejqet San Pupulju, Triq id-Dehra u Trejqet Dun Ġuzepp Cassar. Fil-kont mibgħut mill-Kuntrattur kien hemm xogħlijiet li ma sarux u dawn naturalment ma ġewx approvati mill-Kunsill. Dawn jammontaw għal ammont il'fuq minn €30,000. Il-perit tal-kunsill u contract manager tal-proġett ma ċċertifikax dan l-ammont żejjed. Il-Kunsilliera qablu li l-kuntrattur għandu jitħallas l-ammont iċċertifikat mill-perit tal-Kunsill. Il-kont tas-servizzi tal-ilma għad irid jiġi ċċertifikat mill-inġinier tal-Korporazzjoni tal-Ilma u għalhek mhux ser jitħallas għalissa. Il-Kunsill għandu jħallas l-ammont approvat meta l-Kuntrattur jaċċetta li dan huwa "full and final payment" fuq dan il-proġett.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

**14.4.01** Salvu Felice Pace informa lill-Kunsill li hu attenda għall-laqgħa tar-Reġjun u ġie nformat li d-*defibilators* waslu. Dawn ħa jitqasmu aktar tard. Trid issir laqgħa għar-residenti fejn jiġi spejgat kif jintuża din l-apparat.

**14.4.02** Leli Mintoff talab sabiex il-Kunsill jara dwar fondi għall-kostruzzjoni ta' gandott għall-ilma tax-xita fi Triq Ta' Għammar.

**14.4.03** Sammy Saliba talab sabiex isiru tabelli bl-i*speed limit* fl-Għasri. Dan wara li ġie nformat li ż-żebgħa fl-art mhux biżżejjed f'għajn il-liġi u jinħtieġ li jkun hemm tabelli mwaħħlin. Is-Segretarja għandha tiċċekkja mat-Transport Malta dwar l-i*speed* permissibli fl-irħula. Dawn it-tabelli għandhom jitwaħlu fl-entraturi tal-Għasri minn naħa ta' Ta' Pinu u minn Triq l-Għarb.

**14.4.04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar fejn ġie kkonfermat li l-applikazzjoni għall-żvilupp ta' *area* ta' rikreazzjoni ħdejn il-Pjazza hija kompluta. Il-Kappillan ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex din l-applikazzjoni setgħet tiġi ppreżentata. Is-sindku ssuġġerixxa li ssir petizzjoni li tiġi ċċirkolata madwar ir-raħal li turi l-approvazzjoni tar-residenti għal dan il-proġett. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

## 14.5 Approvazzjoni ta' Rapporti:

**14.5.01** Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar l-offerti ta' Triq Wied Sara. Il-Kunsilliera approvaw ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni. Iżda l-Kunsill mhux ħa jiffirma kuntratti qabel ma jkollu estenzjoni taż-żmien li fih irid jsir ix-xogħol mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

**14.5.02** Rapport ta' kull kwart – Jannar-Marzu 2020. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**14.5.03** Rapport Amministrattiv 2019. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**14.5.04** Ittra ta' Direzzjoni u Risposta 2019. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Il-Kunsilliera ikkumentaw dwar il-fatt li din is-sena ma kienx hemm problema ta' likwidita bħal ma ġie mniżżel fl-ittra tas-sena l-oħra, għalkemm dik ukoll kienet żball min-naħa tal-awdituri. Il-Kunsilliera approvaw ir-risposta li ġiet imfassla mis-Segretarja.

## 14.6 Riżultati tal-Attivitajiet online:

**14.6.01** Fuq proposta tas-Sindku fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill saret "attivita" *online* għall-kbar kif ukoll għat-tfal. Bħala konkorrenza għall-attivita tal-kbar kien hemm numru sabiħ. Daħlu ħafna ritratti b'xeni tal-Għasri. Minn dawn ser jintgħażlu numru minnhom sabiex isir kalendarju għas-sena 2021 u affarijiet oħra. Għal dan il-għan ser tintalab assistenza minn xi ħadd professjonali.

Dwar l-attivita' tat-tfal kien hemm numru żgħir ta' tfal li ħadu sehem. Dawn għandhom jittelgħu fuq il-*facebook page* tal-Kunsill. Kulhadd ser jingħata ċertifikat tal-parteċipazzjoni u t-tfal jingħataw rigal.

## 14.7 Rimi ta' Assi Skaduti:

**14.7.01** Fuq suġġeriment tal-awditur is-Segretarja għamlet reviżjoni tal-*Fixed Asset Register* u nnotat diversi oġġetti (elettroniċi) li m'għadhomx jaħdmu. Dawn huma:

CD01A - CD ROM Software
CPTRO7A – Computer Monitor
PHTCPR1A – Photocopier
CPTR02A – Computer unit with speakers
CPTR03A – Computer & CD
CPTR05A – DVD & CD/RW
FAX01A – fax machine

Il-Kunsillieri approvaw li dawn affarijiet jintremew kif suppost.

## 14.8 Ħruġ ta' offerti:

**14.8.01** Il-Kunsilliera approvaw il-ħruġ ta' *Period Contract for Major Road Patching Works* in Għasri (GSR/02/2020) u *Quotation for the supply of soft stone blocks* (GSR/03/2020).

**14.8.02** Il-Kunsilliera approvaw il-bord ta' evalwazzjoni. Dawn huma: l-Avukat Joshua Grech, il-Perit Mariella Xuereb u Fabian Galea. Dawn il-persuni kollha jafu jħaddmu s-sistema tal-*E tenders*. L-*opening staff* tal-offerti ser ikunu l-librara tal-Kunsill u Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill ieħor.

## 14. 9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta'Pagamenti;

**14.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-13 biex tkun approvata mill-Kunsill. Il-Kunsilliera ma qablux li l-pagament tal-bilanċ ta' €4,577.78 għandu jitħallas lill-*contract manager* tal-Kunsill fuq il-proġett tal-Measure 4.3. Dan għaliex il-Kunsill tilef fondi minn tal-UE minħabba li ma saritx dokumentazzjoni kif kien meħtieġ waqt li kien qed isir ix-xogħol. Minn dan il-bilanċ li ġie ppreżentat lill-Kunsill, il-Kunsill kien diġa ħallas l-ammont ta' €1,043.00 meta kien sar il-kejl tat-toroq. Kien hemm ftehim mal-perit (CM) li dan l-ammont kellu jitnaqqas mill-persentaġġ. Barra dan l-ammont fuq dan il-proġett il-CM diġa tħallas l-ammont ta' €6,227.58 Il-Kunsilliera iżda approvaw l-ammont imniżżel fl-iskeda tax-xogħol tal-CM fuq ix-xogħol tat-Triq it-Tamar u parti minn Triq tal-Fanal. Il-kumplament tal-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 14.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**14.10.01** Il-laqgħa ntemmet fid-20.45 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, it-Tlieta 23 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |